# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum l-Erbgħa, 17 ta' Jannar, 2024.**

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 214/2023 ISB**

**Lyon Bonnici**

**Vs**

**L-Avukat Ġenerali u**

**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors** ta' **Lyon Bonnici**, li permezz tiegħu, talab lil din il-Qorti sabiex:

1) *Tiddikjara illi ċ-ċaħda tat-talba ta' l-esponent sabiex l-appell tiegħi jiġi riappuntat u dan permezz ta' digriet tal-Qorti Tal-Appelli Kriminali tat-tnejn u 20 ta' Diċembru 2022 jilledi d-drittijiet ta' l-esponent għal smiegħ xieraq hekk kif*

*sanċiti fl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;*

2) *Tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa, sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent fosthom illi tordna ir-riappuntament tal-appell in kwistjoni;*

U dan wara illi ppremetta:

*Illi l-esponent kien tressaq il-qorti quddiem il-Qorti Tal-Maġistrati Malta Bħala Qorti Ta' Ġudikatura u ġie akkużat talli fl-2019 kellu fuq il-pussess tiegħu id-droga eroina u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornita lilu għall-użu tiegħu; talli ma obdiex l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu mill-pulizija; talli kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta kannabis; talli sar riċediv b' diversi sentenzi; u talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża.*

*Illi permezz ta' sentenza ta' dik il-Qorti tas-26 ta' Novembru 2020 huwa ġie misjub ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha u ġie kkundannat erbatax-il xahar priġunerija u multa ta' €1000. Apparti minn hekk ġiet ġiet reża eżegwibbli fil-konfront tiegħu sentenza sospiża ta' priġunerija ta' sentejn li kien ġie kkundannat għaliha fl-2016. Il-proċeduri kienu fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Prescilla Caruana Lee u Spettur Jeffrey Scicluna) Vs Lyon Bonnici (Drogi numru 5/2019).*

*Illi huwa kien appella minn din is-sentenza pero fit-23 ta' Diċembru 2022 huwa ma deherx u l-appell tiegħu ġie ddikjarat deżert.*

*Illi huwa ppreżenta rikors fit-tnejn u 20 ta' Diċembru 2022 fejn kien talab li l-appell jiġi riappuntat. Mar-rikors tiegħu huwa kien ippreżenta ċertifikat mediku li juri illi dakinhar tas-seduta quddiem il-Qorti Tal-Appelli Kriminali huwa kien indispost medikament.*

*Illi l-Qorti Tal-Appelli Kriminali ċaħdet ir-rikors tiegħu dakinhar stess ossia fit-22 ta' Diċembru 2022. Sussegwentement fis-16 ta' Frar 2023 huwa ġie arrestat u inkarċerat ġewwa l-Faċilità Korrettiva Ta' Kordin.*

*Illi l-artiklu li jirregola l-proċedura ta' meta appell imur deżert u meta wieħed jagħmel rikors sabiex jiġi riappuntat huwa l-artikolu 422 tal-Kap. 9 li jgħid:*

> *"Jekk, f'jum tas-smigħ tal-appell, l-appellant ma jidhirx, l-appell tiegħu jingħadd deżert u s-sentenza appellata tiġi esegwita; imma fuq rikors tal-appellant, ippreżentat fi żmien tmintijiem mill-ġurnata fuq imsemmija, flimkien ma' dikjarazzjonimaħlufa mill-istess appellant quddiem ir-reġistratur li, minħabbamard jew għal raġuni oħra indipendenti mill-volontà tiegħu, fir-rikors imsemmija espressament, hu ma setax jidher fil-ġurnata fuqimsemmija, il-qorti tagħti ġurnata oħra għas-smigħ tal-appell, u,f'dan il-każ, igħoddu d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) tal-aħħar artikolu qabel dan."*

*Illi għalhekk jidher ċar illi dan l-artiklu tal-liġi mhuwiex fakultattiv għall-Qorti fis-sens illi dan jgħid il-Qorti "tagħti ġurnata oħra għas-smigħ tal-appell" u mhux "tista'" tagħti ġurnata oħra għas-smigħ tal-appell.*

*Illi għalhekk l-esponent sabu ruħu f'pożizzjoni fejn ma ingħatax smiegħ xieraq fil-proċess ta' l-appell tiegħu għaliex huwa ma setax jipprosegwixxi bil-proċeduri ta' dak l-appell mill-banda l-oħra m'għandux rimedju ieħor jew forum ieħor fejn jista' jikkontesta id-digriet tal-qorti tal-appelli kriminali tat-22 ta' Diċembru 2022.*

*Illi illi għalkemm id-dritt ta' smigħ xieraq ma jiggarantix li jkollok proċedura ta' appell minn kull sentenza ladarba hemm il-fakultà li wieħed jappella mis-sentenza allura tul dak il-proċess tal-appell għandhom japplikaw ir-regoli kollha ta' smiegħ xieraq.*

*Illi f'dan ir-rigward ukoll issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Julius ÚLÍUS ÞÓR SIGURÞÓRSSON v. ICELAND (Application no. 38797/17) of the 16 July 2019, fejn qalet is-segwenti:*

> *"However, the Court has held that where an appellate court is called upon to examine a case as to the facts and the law and to make a full assessment of the question of the applicant's guilt or innocence, it cannot, as a matter of fair trial, properly determine those issues without a*

*direct assessment of the evidence given in person by the accused – who claims that he has not committed the act alleged to constitute a criminal offence (see Constantinescu v. Romania, no. 28871/95, 27 June 2000, with reference to Ekbatani v. Sweden, 26 May 1988, § 32, Series A no. 134; see also Dondarini v. San Marino, no. 50545/99, § 27, 6 July 2004).*

*35. However, the Court's case-law also demonstrates, in line with the Court's general approach already described (see paragraph 33 above), that if the appeal court has jurisdiction to examine afresh factual issues either as to the question of guilt or as to the sentencing, or both, the right to a fair hearing according to Article 6 § 1, may, depending on the particular circumstances of the case, bar the appeal court from convicting an accused who has already been acquitted by the lower court. Taking into account what is at stake for the accused, the overall question would be whether the appeal court could, "as a matter of fair trial, properly examine the issues to be determined without a direct assessment of the evidence" given by the accused or the witness in person (see Botten v. Norway, cited above, § 52).*

*(…)*

*38. Finally, if the direct assessment of the evidence is deemed necessary for the reasons explained above, the appeal court is under the duty to take positive measures to this effect, notwithstanding the fact that the applicant did not attend the hearing, ask for leave to address the court or object, through his counsel, to a new judgment being given (see Botten v. Norway, cited above, § 53, and Sigurþór Arnarsson v. Iceland, cited above, § 38). In the alternative, the appeal court must limit itself to quashing the lower court's acquittal and referring the case back for a retrial."*

Rat id-digriet tagħha tal-5 ta' Mejju 2023, li permezz tiegħu l-kawża ġiet appuntata għad-29 ta' Mejju 2023 fid-9:30a.m.

Rat ir-**risposta** tal-intimati **Avukat Ġenerali** u **Avukat tal-Istat** intavolata fl-24 ta' Mejju 2023 (fol 9) li permezz tagħha eċċeppew:

> *Illi fir-rikors promotur ir-rikorrenti qieghed jallega li d-dritt tieghu ghal-smigh xieraq gie vjolat wara li l-Qorti tal-Appell Kriminali iddikjarat li l-appell tieghu waqa` dezert peress li ma deherx ghas-seduta tat-23 ta` Dicembru 2022 u it-talba tieghu sabiex l-appell jigi riappuntat giet michuda.*
>
> *Illi l-esponenti jissottometu illi l-istess pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghal-diversi ragunijiet.*
>
> *Illi bhala fatti jirrizulta li r-rikorrent instab hati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali b`sentenza datata 26 ta` Novembru 2020 fejn gie ikkundannat erbatax-il xahar prigunerija u multa ta` 1,000 euro u l-Qorti irrendiet ezekuttiva is-sentenza moghtija fil-konfront tar-rikorrent fit-23 ta` Mejju 2016 fejn gie ikkundannat sentejn prigunerija. Ir-rikorenti appella minn dik is-sentenza u l-appell ilu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) mis-16 ta' Frar 2021. Ir-rikorrenti għamel it-talba ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 sabiex dik l-istess Qorti tassumi l-funzjoni ta` Qorti tad-Droga nhar l-għoxrin (20) ta' April elfejn wieħed u għoxrin (2021). <u>Sussegwentement, u dan ser jirrizulta mill-atti, l-appell tieghu stagna minhabba l-agir ripetut tar-rikorrenti. L-istess appell ġie diġa iddikjarat deżert erba' (4) darbiet preċedenti minħabba nuqqas ta' attendenza u ragunijiet varji tar-rikorrent u ċioe 14 ta' Ottubru 2021, 15 ta' Frar 2022, 3 ta' Mejju 2022 u 13 ta' Ottubru 2022.</u> Sussegwentement fit- 23 ta` Dicembru 2022 meta rega ssejjah l-appell, ir-rikorrent rega ma deherx u allura f`dik is-sitwazzjoni kien inevitabbli li l-Qorti tal-Appell Kriminali, tiddikjara l-appell dezert skont dak li jipprovdi l-artikolu 422 tal-Kap 9. Regghet saret talba biex l-appell jigi riappuntat liema talba giet michuda ghaliex saret fuori termine u ghax ir-rikorrent kien ilu jahli il-hin tal-Qorti.*
>
> *Illi ir-rikorrent m'għandu l-ebda dritt jinvoka ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq meta kien huwa stess illi kien ħati ta' nuqqas gravi fil-konfront tal-Qorti inkwantu bla falla ripetutament milli jattendi is-seduti tal-appell tiegħu. Ir-rikorrenti igieb hafna skuzi ghalfejn m`attendiex il-Qorti pero` jidher bil-wisq car*

*mill-iter processwali li dan l-agir tar-rikorrent li jipprova jevita is-seduti tal-Qorti kien wiehed ripetut u persistenti.*

*Illi jekk ir-rikorrenti ma jsegwix il-proċedura dettata mil-liġi ma jistax jilmenta minn xi nuqqas li seħħ fil-konfront tiegħu. Bħalma ntqal mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża Joseph Grech vs. L-Avukat Ġenerali deċiża fl-20 ta' Dicembru 2000, partijiet li jonqsu milli jattendu għas-seduti "ma jkunux jistgħu jilmentaw li ma jkunux ingħataw smiegh xieraq skont il-Konvenzjoni u skont il-Kostituzzjoni iżda setgħu biss ilumu lilhom infushom illi jkunu tilfu, kienet x'kienet ir-raġuni, l-opportunità taghhom skont ir-regoli proċedurali li jiggvernaw il-proċess";*

*Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, billi l-appell tressaq mir-rikorrent, huwa kien fl-obbligu u fid-dmir li jsegwi u juri interess fil-proċeduri kriminali istitwiti minnu stess quddiem l-Qorti tal-Appell Kriminali.*

*Illi minkejja li ir-rikorrent iddikjara illi ma setax jattendi minħabba raġunijiet ta' saħħa, fl-umli fehma tal-esponent u in vista tas-suespost, l-esponent jagħmel referenza għall-għan tal-leġislatur meta ippromulga l-Artikolu 422 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u il-proporzjon u bilanċ illi il-leġislatur ried joħloq bejn id-drittijiet tal-appellant qua rikorrent fuq naha u l-interess tal-ġustizzja u s-saltna tad-dritt fuq in-naha l-ohra.*

*Illi f'dan ir-rigward ssir referenza għal fatt illi minkejja li r-rikorrent iddikjara illi kien indispost minħabba raġunijiet ta saħħa u ppreżenta ċertifikati mediċi ma hemm xejn fl-atti proċesswali jew minn dak esebit mir-rikorrent illi jixhdu u jiġġustifikaw it-trapass taż-żmien tal-appell de quo.*

*Illi dan kollu ifisser ukoll li r-rikorrent lanqas ma uzufruwixxa mir-***rimedju ordinarju** *li jipprovdi l-artikolu 422(1) tal-Kap 9 li jipprovdi li l-appellant jista b`rikors ippreżentat fi żmien erbat ijiem mill-ġurnata fuq imsemmija, flimkien ma' dikjarazzjoni maħlufa mill-istess appellant quddiem ir-reġistratur li, minħabba mard jew għal raġuni oħra indipendenti mill-volontà tiegħu, fir-rikors imsemmija espressament, hu ma setax jidher fil-ġurnata fuq imsemmija, il-qorti tagħti ġurnata oħra għas-smigħ tal-appell u b`hekk l-appell tiegħu jerġa' jitqiegħed fuq il-lista ġaladarba huwa ma ressaqx din it-talba tiegħu fiż-żmien erbat ijiem li jsemmi l-artikolu 422 tal-Kap 9 tal-Liġijiet*

*ta' Malta. Dwar dan l-artikolu l-Qorti Kostituzzjonali ġa kellha l-okkażjoni tippronunzja ruħha li dan mhuwiex leżiv għad-dritt ta' smigħ xieraq kif imħares taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea (ara Patrick Mangion vs. Avukat Ġenerali et tas-27 ta' Jannar 2006 u Anthony Bezzina vs. Avukat Ġenerali tal-31 ta' Jannar 2014); Ghalhekk l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, galadarba r-rikorrent ma qadx ma dak li tghid il-ligi, ma kellha ebda ghazla ohra hlief li tichad it-talba sabiex l-appell jigi ri-appuntat.*

*Illi dan kollu qed jinghad sabiex jigi enfasizzat kemm fil-fatt il-Qorti osservat skrupolozament dak li tghid il-ligi u ma sar xejn li huwa leziv ghad-drittijiet tar-rikorrent.*

Rat illi fl-udjenza tad-29 ta' Mejju 2023 bi qbil mad-difensuri tal-partijiet il-Qorti ordnat lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali sabiex jippreżenta permezz ta' nota l-atti relattivi għall-proċedura "**Il-Pulizija (Spt. Priscilla Caruana Lee u Spt. Geoffry Scicluna) vs Lyon Bonnici"** (drogi Nru. 5/2019) relattivi biss għall-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensuri tar-rikorrent li bil-preżentata tal-imsemmija atti, il-provi tar-rikorrent kienu magħluqa.

Rat ir-rikors tar-rikorrent intavolat fl-1 ta' Ġunju 2023 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti:

*"...tissospendi l-effetti tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-26 ta' Novembru 2020 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Prescilla Caruana Lee u Spettur Jeffrey Scicluna) vs Lyon Bonnici (Drogi numru 5/2019)** sakemm ikun hemm eżitu finali fil-proċeduri kostituzzjonali fl-ismijiet premessi u konsegwentament tordna r-rilaxx ta' l-esponent mill-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u dan taħt dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni."*

Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' Ġunju 2023 li permezz tiegħu ordnat in-notifika tal-kontro-parti bi ħmistax-il jum għar-risposta.

Rat ir-risposta tal-intimati intavolata fis-27 ta' Ġunju 2023 (fol 20) li permezz tiegħu opponew it-talba kif kontenuta fir-rikors tar-rikorrent tal-1 ta' Ġunju 2023.

Rat illi fl-udjenza tas-27 ta' Settembru 2023, wara li trattaw il-kawża, il-partijiet qablu li l-kawża setgħet titħalla għal-lum għad-deċiżjoni, b'dana illi jippreżentaw noti rispettivi ta' referenzi fit-terminu hemm preskritt.

Rat in-noti ta' riferenzi estensivi tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi r-rikorrent jikkontendi li sofra leżjoni tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem stante li t-talba tiegħu sabiex l-appell tiegħu jiġi ri-appuntat ġiet miċħuda mill-Qorti tal-Appell Kriminali tat-22 ta' Diċembru 2022.

Jispjega li hu kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u ġie akkużat talli fl-2019 kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina u naqas milli jipprova li tali droga kienet għall-użu personali tiegħu, talli ma obdiex l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu mill-pulizija u talli kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta kannabis, talli sar riċediv b'diversi sentenzi u talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża, mil-liema akkuża ġie misjub ħati permezz tas-sentenza tas-26 ta' Novembru 2020, mil-liema sentenza hu appella.

Jgħid li l-appell ġie appuntat għat-23 ta' Diċembru 2022, iżda huwa ma kienx preżenti għall-udjenza tal-Qorti tal-Appell u konsegwentament l-appell ġie ddikjarat deżert. Jispjega li fit-22 ta' Diċembru 2022 kien intavola rikors fejn talab li l-imsemmi appell jiġi ri-appuntat u flimkien mar-rikors ippreżenta ċertifikat mediku li juri li r-rikorrent kien medikament indispost, liema rikors ġie miċħud u b'konsegwenza ta' dan ġie arrestat u inkarċerat ġewwa l-Faċilità Korrettiva ta' Kordin.

Isostni li l-Artikolu 422 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta mhuwiex fakultattiv għall-Qorti u b'hekk il-Qorti m'għandhiex għażla jekk rikors għal ri-appuntament jintlaqax jew le. Jikkontendi għalhekk li ma ngħatax smigħ xieraq fil-proċess tal-appell tiegħu għaliex huwa ma setax jipprosegwi bil-proċeduri ta' dak l-appell u m'għandu l-ebda rimedju ieħor sabiex jikkontesta d-digriet tal-istess Qorti tal-Appell.

Jgħid li għalkemm id-dritt ta' smigħ xieraq ma jiggarantix il-proċedura ta' appell minn kull sentenza, la darba hemm il-fakultà li wieħed jappella allura tul dak il-proċess għandhom japplikaw ir-regoli kollha ta' smigħ xieraq.

## Ikkunsidrat ulterjorment:

Min-naħa tagħhom l-intimati l-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali jikkontendu li l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Jispjegaw li l-appell tar-rikorrent staġna minħabba l-aġir ripetut tar-rikorrent innifsu u dana stante li l-istess appell diġa` kien ġie iddikjarat deżert erba' (4) darbiet preċedenti minħabba n-nuqqas ta' attendenza u raġunijiet varji tar-rikorrent. Isostnu li t-talba tar-rikorrent ġiet miċħuda minħabba li saret *fuori termine* u għax ir-rikorrent kien ilu jaħli l-ħin tal-Qorti.

Jikkontendu li r-rikorrent m'għandu l-ebda dritt jinvoka ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq meta kien huwa stess illi kien ħati ta' nuqqas gravi fil-konfront tal-Qorti. Isostnu li jekk kemm-il darba r-rikorrent ma jsegwix il-proċedura dettata mil-liġi ma jistax jilmenta minn xi nuqqas li seħħ fil-konfront tiegħu.

Jispjegaw li kien fl-interess tiegħu stess, kif ukoll obbligu u dmir, li r-rikorrent juri interess fil-proċeduri institwiti minnu stess.

Jikkontendu li l-għan tal-leġislatur meta ppromulga l-Artikolu 422 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta kien il-bilanċ li ried joħloq bejn id-drittijiet tal-appellant fuq naħa u l-interess tal-ġustizzja u s-saltna tad-dritt mill-banda l-oħra. Isostnu li minkejja li r-rikorrenti ppreżenta r-raġunijiet tiegħu ma hemm xejn illi jixhed u jiġġustifika it-trapass taż-żmien tal-appell *de quo.*

Jispjegaw li r-rikorrent lanqas ma użufruwixxa r-rimedju ordinarju mogħti lilu mill-Artikolu 422(1) tal-Kap 9 stante li ma ressaqx ir-rikors tiegħu fi żmien erbat ijiem u konsegwentement il-Qorti tal-Appell Kriminali osservat skrupolożament dak li tgħid il-liġi u ma sar xejn li huwa leżiv għad-drittijiet tar-rikorrent.

## Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi stabbiliti l-fatti u wara li semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet, il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex teżamina u tiddeċiedi dwar il-vertenza.

L-ilment tar-rikorrent jikkonsisti fil-fatt li permezz tad-digriet tat-23 ta' Diċembru 2022, il-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet it-talba tar-rikorrent sabiex terġa' tpoġġi l-appell tiegħu fil-lista wara li dan ġie ddikjarat deżert minħabba n-nuqqas ta' attendenza tal-istess rikorrent. Huwa

jsejjes dan fuq dak li jipprovdi l-Artikolu 422 tal-KAP 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

> *422. (1) Jekk, f'jum tas-smigħ tal-appell, l-appellant ma jidhirx, l-appell tiegħu jingħadd deżert u s-sentenza appellata tiġi esegwita; imma fuq rikors tal-appellant, ippreżentat fi żmien tmint'ijiem mill-ġurnata fuq imsemmija, flimkien ma' dikjarazzjoni maħlufa mill-istess appellant quddiem ir-reġistratur li, minħabba mard jew għal raġuni oħra indipendenti mill-volontà tiegħu, fir-rikors imsemmija espressament, hu ma setax jidher fil-ġurnata fuq imsemmija, il-qorti tagħti ġurnata oħra għas-smigħ tal-appell, u, f'dan il-każ, igħoddu d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) tal-aħħar artikolu qabel dan:*
>
> *Iżda l-qorti tistà, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, tagħti ġurnata oħra għas-smigħ tal-appell anki meta r-rikors jiġi ppreżentat wara li jkun għadda l-perjodu msemmi fis-subartikolu (1).*
>
> *(2) Meta ma jidhirx l-appellat, il-qorti tisma' l-appellant, u tagħti s-sentenza skont il-liġi.*
>
> *(3) F'każ meta l-appellant kien ħieles mill-arrest kif provdut fl-artikolu 416(1A) u (3) qabel id-deżerzjoni tal-appell, it-talba tiegħu għal ħelsien mill-arrest tista' ssir fl-istess rikors imsemmi fis-subartikolu (1)*

Il-Qorti tibda biex tosserva dak li diġà kellha opportunità tiddeċiedi l-Qorti Kostituzzjonali fir-rigward tal-Artikolu 422 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan permezz tas-sentenza tagħha tas-27 ta' Jannar 2006 fl-ismijiet **Patrick Mangion vs Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija**, fejn il-Qorti kkonkludiet is-segwenti:

> *9. Din il-Qorti tifhem li huwa f'dan is-sens u cioe` li d-dritt ta' access ghall-Qorti ta' l-Appell Kriminali m'ghandux jigi regolat u/jew ristrett b'tali mod li jgib fix-xejn dak l-istess dritt, u li jkun hemm element ta' proporzjonalita` bejn il-mezz adoperat u l-ghan li jrid jintlahaq, li l-appellant qed jilmenta li fil-kaz de quo, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 422(1), inholqot "a disproportionate hindrance" ghalih.*
>
> *10. Issa ma hemmx dubju, fil-fehma ta' din il-Qorti, li l-Artikolu 422(1) tal-Kap. 9 ghandu ghan legittimu – u cioe` li ma jhallix sospizi u inezegwibbli sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (bhala*

*Qorti ta' Gudikatura Kriminali) meta l-appellant jonqos milli jidher ghas-smigh ta' l-appell f'cirkostanzi meta huwa seta' hekk jidher – fi kliem iehor, huwa ma jkunx deher minhabba xi nuqqas attribwibbli lilu, u mhux "minhabba mard jew ghal raguni ohra indipendenti mill-volonta` tieghu". Sinjifikant hija l-espressjoni "hu ma setax jidher"[1] fl-imsemmija disposizzjoni, u mhux semplicement "hu ma deherx". Jekk seta' jidher, izda naqas milli jaghmel hekk, allura l-ligi tipprovdi li l-appell imur dezert. Anqas ma jista' jinghad li hemm xi sproporzjon bejn il-mezz adoperat – id-dikjarazzjoni ta' dezerzjoni u l-ezegwibilita` immedjata tas-sentenza – u l-ghan li jrid jintlahaq, cioe` li s-sentenzi ma jibqghux sospizi fil-limbu, u dan aktar u aktar meta wiehed jikkonsidra li, f'kaz li jkun hemm raguni valida ghala wiehed ma setax jidher (cioe` mard jew raguni ohra indipendenti mill-volonta` tieghu) huwa jista' jgib dan il-fatt a konjizzjoni tal-Qorti fi zmien erbat' ijiem u jwettaq dak li jallega bil-gurament tieghu.*

*-ommiss-*

*...jigi rilevat li l-Artikolu 422(1) ma jirrikjedix li r-rikorrent necessarjament jidher il-Qorti – kulma hu mehtieg hu li d-dikjarazzjoni tigi mahlufa quddiem ir-registratur u, fil-prassi tal-qrati – fatt, dan, li din il-Qorti tista' tiehu "judicial notice" tieghu – mhix l-ewwel darba li rikorrent li jkun irid jaghmel rikors ghall-finijiet tal-imsemmi Artikolu 422(1) minhabba mard li jkun ghadu jippersisti matul dawk l-erbat ijiem, jaghmel arrangament biex ir-registratur imur fejn ikun ir-rikorrent id-dar jew l-isptar. S'intendi, huma koncepibbli cirkostanzi straordinarji fejn anke wara d-dekors tal-erbat ijiem ikun hemm lok li rikors ghar-riappuntament ta' appell li jkun mar dezert jintlaqa' – hekk, per ezempju, jekk waqt li persuna tkun sejra ghall-appell tkun involuta f'incident u tibqa' f'koma ghal aktar minn erbat ijiem, wiehed ma jistax jimmagina li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali sejra ma tilqax it-talba ghar-riappuntament semplicement ghax ikunu ghaddew l-erbat ijiem! Fil-kaz in dizamina, izda, kollox jindika, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, li dak li gara semplicement dovut ghat-traskuragni ripetuta ta' l-appellant. Minkejja l-inkarcerazzjoni tieghu, huwa kellu rimedju prattiku*

[1] "…was…unable to attend…" fit-test ingliz, u mhux semplicement "did not attend"

*u effettiv ghad-dikjarazzjoni ta' dezerzjoni ta' l-appell (assumendo, dejjem, li hu kien verament gie b'xi mod impedut, kif allega, milli jattendi fis-17 ta' Ottubru 2002 quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali). L-iStat, permezz ta' l-Artikolu 422(1), u l-ufficjali tieghu, bl-agir taghhom, b'ebda mod ma cahhduh mid-dritt tieghu ta' access ghall-Qorti – il-Qorti ta' l-Appell Kriminali; kien l-istess appellant li ittraskura u, wara li induna bil-konsegwenzi tan-nuqqasijiet tieghu, qieghed issa jipprova jirrikorri ghar-rimedju kostituzzjonali.*

Issir ukoll referenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali deċiża fil-31 ta' Jannar 2014 fl-ismijiet **Anthony Bezzina vs L-Avukat Ġenerali,** fejn il-Qorti kkonkludiet is-segwenti:

*20. Ferm il-premess, issa din il-Qorti ser tghaddi biex tezamina t-talbiet tar-rikorrent, u cioe` jekk l-artikolu de quo verament jilledix id-dritt fundamentali ghal smigh xieraq, kif ukoll jekk bl-applikazzjoni tieghu, fil-kaz tar-rikorrent sehhitx lezjoni tad-dritt fundamentali tieghu ghal smigh xieraq.*

*21. Rigward l-ewwel talba, u cioe` jekk l-Artikolu 422[1], kemm minhabba li z-zmien ta' erbat ijiem moghti lill-appellant sabiex jitlob lill-Qorti tal-Appell Kriminali tirriappunta l-appell ghas-smigh wara li kien mar dezert huwa qasir, u wkoll jekk in-nuqqas fl-avviz ta' smigh ta indikazzjoni tad-drittijiet li ghandu l-appellant naxxenti mill-artikolu inkwistjoni, jirrendux dak l-artikolu inkompatibbli kemm mal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.*

*22. Fl-ewwel lok, din il-Qorti taghmel referenza ghal dak gja` deciz minnha fil-kawza* ***Patrick Mangion****, fejn gie spjegat li l-Artikolu 422[1] ma jaghtix lok ghal lezjoni tad-dritt tas-smigh xieraq, izda ghal kuntrarju jaghti opportunita` ohra lill-appellant, li l-appell tieghu jkun marlu dezert, billi jaghmel talba b'rikors ghar-riapppuntament quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, u jiggustifika l-assenza tieghu ghas-smigh tal-appell. Ghalhekk l-effetti legali tal-imsemmi artikolu mhumiex lezjoni ta' dritt fundamentali ta' smigh xieraq, izda protezzjoni ohra ghal dan id-dritt.*

*23. Din il-Qorti hi tal-fehema li l-perjodu ta' erbat ijiem huwa sufficjenti sabiex l-appellant jikkomunika u jikkonsulta mal-avukat tieghu, jew anke del resto ma' kwalunkwe avukat iehor, biex jezercita` d-dritt li taghtih il-ligi. Wara kollox kull ma jehtieg li jikkontjeni rikors bazat fuq dan l-artikolu huwa li tinghata spjegazzjoni konfermata bil-gurament tal-assenza tal-appellant ghas-seduta li fiha l-appell tieghu marlu dezert.*

*24. Fit-tieni lok, il-Qorti tosserva li, l-fatt li l-artikolu de quo ma jimponix obbligu li fl-avviz tas-smigh tal-appell ikun hemm miktuba d-drittijiet tieghu naxxenti mill-istess artikolu, ma jrendihx inkompatibbli mad-dritt ta' smigh xieraq tal-appellant, fl-ewwel lok, ghax injorantia legis non excusat, u fit-tieni lok, u b'izjed qawwa, huwa obbligu u fl-interess ta' min jircievi att gudizzjarju li, jekk ma jkunx intiz fil-ligi, jirrikorri ghand avukat sabiex jispjegalu d-drittijiet tieghu u jiggwidah tul il-proceduri. Dan certament mhux prekluz mill-Artikolu 422 [1] li, kif fuq gja` indikat, jaghti opportunita` ohra lill-appellant li, ghalkemm debitament notifikat, ikun naqas li jidher fis-seduta tas-smigh tal-appell tieghu. Jekk l-appellant jorqod fuq id-drittijiet tieghu, u meta jircievi att gudizzjarju jibqa' passiv sforz it-traskuragni jew non kuranza tieghu, allura imputet sibi, u ma jistax jippretendi li, f'dawn ic-cirkostanzi, jirrikorri b'success ghar-rimedju straordinarju, b'tentattiv li jissana l-mankanzi tieghu, meta hu kien gie jaqa' u jqum, bhal fil-kaz prezenti, bir-rizultat li naqas milli juzufruwixxi mir-rimedju ordinarju mahsub fl-artikolu precitat.*

## Ikkunsidrat ulterjorment:

Magħruf għalhekk l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex telenka l-fatti u tapplika dawn il-prinċipji għal każ odjern.

Il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-proċess Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Bonnici Lyon (Ref 276/2020)** u jirriżulta bħala stat ta' fatt li fil-15 ta' Diċembru 2022, il-Qorti tal-Appell Kriminali kif preseduta mill-Onor Imħallef Consuelo-Pilar Scerri Herrera ddikjarat l-appell tar-rikorrent deżert wara li rat li r-rikorrenti kien debitament notifikat bid-data tas-seduta u naqas milli jidher.

Jirriżulta wkoll li fit-22 ta' Diċembru 2022, ir-rikorrent intavola rikors quddiem l-istess Qorti fejn talab li l-appell jerġa' jiġi appuntat għar-

raġunijiet suċitati, u l-Qorti ordnat in-notifika tal-istess lill-intimat Avukat Ġenerali b'jumejn għar-risposta. Mal-imsemmi rikors kien hemm annessi dikjarazzjoni tar-rikorrent li tindika li m'attendiex għall-udjenza msemmija minħabba li kien indispost, kif ukoll ċertifikat mediku datat it-13 ta' Diċembru 2022 li jindika li r-rikorrenti kien jinsab medikament indispost u ma setax jattendi għax-xogħol għal tliet ijiem u b'hekk kellu jirritorna għax-xogħol fis-16 ta' Diċembru 2022.

Jirriżulta wkoll li fit-23 ta' Diċembru 2022, l-Avukat Ġenerali intavola r-risposta tiegħu fejn oġġezzjona għat-talba tar-rikorrent stante li l-appell kien diġà ġie ddikjarat deżert ħames (5) darbiet qabel u hemmhekk elenka wkoll ir-raġunijiet li ngħataw lill-Qorti kull darba, fejn sostna li t-trapass taż-żmien ma kienx wieħed ġustifikat.

Finalment, jirriżulta li permezz ta' digriet tat-23 ta' Diċembru 2022, il-Qorti caħdet it-talba tar-rikorrent.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi sabiex jintlaħaq il-bilanċ illi l-leġislatur ried bl-Artikolu ċitat, il-Qorti sejra tagħmel eżami tar-rikors ppreżentat mir-rikorrent u d-dokumenti miegħu annessi, anke fid-dawl ta' dak mitlub mir-rikorrent, ossia, illi "*c-cahda tat-talba tal-esponent .......*" jilledi d-drittijiet tiegħu.

Il-Qorti fl-ewwel lok tosserva illi d-dikjarazzjoni tar-rikorrent annessa mar-rikors, minkejja illi l-liġi tesiġi illi tkun "mahlufa", b'dana kollu din ma tirrizultax hekk. Ġjaladarba ċ-ċertifikat mediku kien ikopri lir-rikorrent sal-15 ta' Diċembru 2022, xejn ma jirriżulta illi kellu jimpedixxi lir-rikorrent milli jsib il-ħin u l-okkażjoni biex jieħu ġurament fuq id-dikjarazzjoni tiegħu stess, li għaldaqshekk addirittura kellu l-isbaħ sebat ijiem. Dan ma jirriżultax illi r-rikorrent għamlu u dak li trid il-liġi, ossia illi d-dikjarazzjoni tkun maħlufa, fil-fatt ma sarx.

Il-Qorti, ukoll fid-dawl tal-insenjament magħmul mill-Qorti Kostituzzjonali kif hawn fuq spjegat, trid ukoll tirreferi għaċ-ċertifikat mediku ppreżentat. Minn qari tal-istess ċertifikat jirriżulta illi r-rikorrent ma setax jattendi għax-xogħol għal tlett ijiem mit-tlettax ta' Dicembru – "*is not fit to attend work for 3 days*".

Il-Qorti tqis illi b'hekk, ir-rikorrent ma ġġustifikax n-nuqqas ta' attendenza għas-seduta tiegħu fil-Qorti għar-raġunijiet mediċi. Tassew huwa magħruf illi għaliex persuna jiġi ċertifikat "*mhux tajjeb ghax-*

*xoghol*" ma jfissirx awtomatikament u/jew neċessarjament illi persuna mhux tajba biex tattendi l-Qorti jew tmur band'oħra.

Fil-fatt jirriżulta illi fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2022, ir-rikorrent kien preżenti l-Qorti u dakinhar il-kawża kienet ġiet differita għall-15 ta' Diċembru 2022 – u huwa għalhekk paċifiku jingħad illi huwa seta', kieku tassew ried illi jiġġustifika n-nuqqas ta' preżenza tiegħu fil-Qorti fil-15 ta' Diċembru 2022, jitlob lit-tabib sabiex ikun ċertifikat appuntu għal dan il-għan – ħaġa illi ma jirriżultax illi għamel.

Ċertament li l-Qrati Kostituzzjonali m'għandhomx iservu biex jirrimedjaw in-nuqqasijiet tar-rikorrent innifsu.

Din il-Qorti għalhekk tħoss illi r-rikorrent ppreġudika l-pożizzjoni tiegħu stess b'egħmilu, u ma filwaqt illi użufruxxa mir-rimedju illi kienet ittih il-liġi, anke jekk b'mod monk – il-fatt illi l-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet it-talba għar-ri-appuntament tal-appell, dak ma jfissirx illi huwa sofra leżjoni ta' drittijiet fondamentali kif minnu allegat u premess.

Il-Qorti ma tħossx illi ċ-ċaħda tat-talba magħmula mir-rikorrent kif hawn fuq jingħad tista' jew għandha twassal sabiex huwa sofra leżjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni li jrid illi jassigura il-"*fairness*"[2] fil-proċeduri kriminali. Lanqas ma jirriżulta lill-Qorti illi bil-fatti mressqa quddiemha, hija tista' tasal għal konvinċiment morali illi xi dritt ieħor tar-rikorrent sanċit bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ġie leż. Bl-istess mod lanqas ma jista' jingħad illi r-rikorrent ipprova illi kellu xi jedd kostituzzjonali sanċit bl-Artiklu 39, mittiefes jew leż.

Illi għalhekk l-ilmenti tar-rikorrenti ser jiġu respinti fl-intier tagħhom.

## <u>Decide</u>

**Għaldaqstant din il-Qorti qegħda taqta` u tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż tal-kawża jkunu a karigu tal-istess rikorrent.**

| | |
|---|---|
| **Onor. Ian Spiteri Bailey** | **Amanda Cassar** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |

[2] The key principle governing the application of Article 6 is fairness (*Gregačević v. Croatia*, § 49). **Guidance Notes**